**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 27 ta' Frar 2025**

**Kumpilazzjoni numru 167/2025**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**Vs**

**FRANKLIN XERRI**
**(K.I. Nru. 364490M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Franklin Xerri** li ġie akkużat talli:

F' xi ħin bejn l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00) u s-sitta ta' waranofsinhar (18:00) fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025), ġewwa l-istabbiliment *Intersport* sitwat ġewwa Triq l-Iljun, Qormi u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Bil-ħsieb li jikkometti serq ta' ħwejjeġ u/jew oġġetti oħra ikkwalifikat **bil-valur**; liema valur tal-ħaġa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37)**,** wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' tali delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, tali serq kien se jsir għad-dannu ta' **Intersport** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli josserva xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'digriet mogħti fl-erbatax (14) ta' Mejju

elfejn erbgħa u għoxrin (2024) mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech u li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 28H *et seq*, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-rigward illi l-ħati jħallas id-danni ai termini tal-istess Artikoli 15A u 28H *et seq*, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi waqt l-udjenza tal-lum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet rikonfermata wara li l-Qorti tagħtu żmien jerġa' jaħsibha u spjegatlu l-konsegwenzi tar-reati in diżamina;

Rat in-Nota ppreżentata mill-Prosekuzzjoni fl-24 ta' Frar 225 li flimkien magħha kien hemm anness vera kopja ta' digriet tal-14 ta' Mejju 2024;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-provi dokumentarji ppreżentati mill-Prosekuzzjoni, issib li l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-imputat, il-fedina penali tiegħu, u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proċeduri.

Illi l-Qorti semgħet lid-difiża tirrileva illi l-imputat għamel dak li għamel biex ikollu biżżejjed mezzi biex iħallas il-manteniment. Il-Qorti pero` tosserva li l-imputat wieġeb li huwa jaħdem. Ċertament filwaqt li huwa għandu l-obbligu li jħares kwalunkwe ordni ta' manteniment, ma jfissirx li biex jonora dan l-obbligu huwa permissibbli li jwettaq reat bħal dak in diżamina, iktar u iktar meta l-imputat kien ibbenefika mid-dritt tal-ħelsien mill-arrest fi proċeduri oħra li għadhom pendenti.

Illi tenut kont ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti hija tal-feħa li għandha tagħti l-aħħar opportunita` lill-imputat sabiex, jekk irid, joqgħod 'il bogħod mill-

kriminalita` u għalhekk se tkun qed timponi fuqu sentenza ta' priġunerija sospiża, sabiex l-imputat jibqa' għaddej fil-ħajja lavorattiva tiegħu sabiex anke jonora l-obbligu tiegħu ta' manteniment, però bi gwida sabiex joqgħod 'il bogħod mill-kriminalita`.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b), 267, 279(a) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Franklin Xerri** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal **tmien (8) xhur priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qegħdin jiġu sospiżi għal żmien sentejn (2) mil-lum.**

In oltre ai termini tal-Artikolu 579 (1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tordna l-konfiska, favur il-Gvern ta' Malta, tas-somma ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2500) stabbilita bħala depożitu u garanzija permezz ta' terz garanti għall-ħelsien mill-arrest taħt garanzija ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech, tal-14 ta' Mejju 2024.

In oltre, l-Qorti qiegħda tpoġġi lill-ħati **Franklin Xerri** taħt **Ordni ta' Supervizjoni** skont id-digriet mogħti kontestwalment u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha. Għal dan il-għan il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) u 28G (8) tal-Kodiċi Kriminali l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fi żmien sentejn (2) snin mil-lum.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali ai fini tal-konfiska msemmija iktar 'il fuq u sabiex jinserixxi kopja ta' din is-sentenza fl-atti tal-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Franklin Xerri*** pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**(bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali)**

**ORDNI TA' SUPERVIŻJONI**
*(MAGĦMUL SKOND L-ARTIKOLU 28G TAL-KODIĊI KRIMINALI)*

**Maġistrat: Dr. Charmaine Galea LL.D.**

**Illum: 27 ta' Frar 2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**
**vs**
**Franklin Xerri**
**K.I. 364490M**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **Franklin Xerri** ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Superviżjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li ssir din l-Ordni ta' Superviżjoni;

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Superviżjoni u nnutat li l-istess wera li jrid iħares il-ħtiġiet ta' l-istess Ordni;

**Tordna** li l-ħati **Franklin Xerri** li joqgħod **179, Annmar, Triq il-Belt Valleta, Qormi** detentur tal-karta tal-identita' numru **364490M** ikun għal perjodu ta' sentejn (2) millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Superviżjoni taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu, il-ħati jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċjal sorveljanti.

2. Li l-ħati jibqa' f'kuntatt ma' l-uffiċjal sorveljanti skont dawk l-istruzzjonijiet li jista' minn żmien għal żmien jingħata mill-imsemmi uffiċjal, u li javża lill-imsemmi uffiċjal b'kull tibdil fl-indirizz tiegħu;

3. Li jirċievi viżiti mill-uffiċjal sorveljanti ġewwa r-residenza tiegħu u fuq il-post tax-xogħol tiegħu skond id-direttivi ta' l-istess uffiċjal sorveljanti;

4. L-uffiċjal sorveljanti għandhu/a tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sena dwar l-imġieba tal-ħati.

**TORDNA** li kopja ta' dan l-Ordni jingħata lil ħati u lill-uffiċjal sorveljenti.

……………….
**Franklin Xerri**

………………
**D../Reġistratur**